Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 485 / 2016

Il-Pulizija

Vs

Lino (Angelo) Bugeja

Illum 6 ta' Dicembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Lino (Angelo) Bugeja detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 143167 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Mejju, 2014 ghall-habta ta' 10.00hrs u fis-snin ta' qabel fil-fond 'Devine Mercy', Triq il-Harifa, Mosta:

1. Zamm xi ghasafar, kemm hajjin, kemm mejtin jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit that ir-regolament ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe Birwina Charadius Morinellus (inkluza fi Skeda I); Bekkacc ta' Mejju Gallinago Media (Inkluz fi Skeda I); Gawwija Prima Larus cachinnans; u Gamiema tal-Kullar Streptopelia decaoto, kontra d-disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma

kienux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' mejju, 2003 u inghajr ma inghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar;

2. Zamm ghasafar, kemm hajjin, kemm mejtin jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmijin fl-iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe, Birwina Charadius Morinellus (inkluza fi skeda I); Bekkacc ta' Mejju Gallinago media (inkluz fi skeda I); Gawwija Prima Larus cachinnans; u Gamiema tal-Kullar Streptopelia decaocta, meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat membru iehor fejn ikun jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment that id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll that il-Ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f' Malta wara l-1 ta' Mejju;
3. Naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni u cioe Birwina Charadius Morinellus (inkluza fi skeda I); Bekkacc ta' Mejju Gallinago media (inkluz fi skeda I); Gawwija Prima Larus cachinnans; u Gamiema tal-Kullar Streptopelia decaocta, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' r-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi;
4. Kellu fil-pusses tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab ma' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe Birwina Charadius Morinellus (inkluza fi skeda I); Bekkacc ta' Mejju Gallinago media (inkluz fi skeda I); Gawwija Prima Larus cachinnans; u Gamiema tal-Kullar Streptopelia decaocta, li ma kienuxgew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulate fis-subregolament (6) 21 ta' l-A.L 79 ta' l-2006;
5. Ittrasferixxa jew b' xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-sub regoilament (1) € ta' regolament 4 ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi (uhud inkluzi fl-Iskeda I jew fl-Iskeda

IX0 mninghajr m' ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma' kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment mghoti fid-diskrezzjoni taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 (1) (e), 4 (1) (f), 4 (2) u 5 tal-A.L 79 ta' l-2006 hekk kif emendat tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghaet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu b' multa ta' elf ewro kif ukoll konfiska tal-esebiti w sospensjoni tal-Licenzja ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Lino (Angelo) Bugeja, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 t' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Thassar u rirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif gew dedotti fil-konfront tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

2. F' kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Ili l-appellant jibda sabiex umilment jeccepixxi li wara li l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet l-ewwel tfittxija, u cioe' fil-fond numru 27, Triq Triq Santa Marija, Mosta, ghaddew erba' sieghat qabel ma saret l-ispezzjoni fir-residenza tieghu. Fil-fatt, l-appellant kien informat minghand huh, li huwa s-sid il-fond imsemmi li kienu marru l-Pulzija u staqsewh fuq il-vetrina mertu ta' dan l-umli appell u li sussegwentement, il-Pulizija kienu ser jaghmlu tfittxija fir-residenza tieghu.

Illi ghal din l-informazzjoni, l-appellant kien wiegeb li huwa ma kellu ebda problema li ssir tfittxija fil-proprjeta' tieghu u dan minhabba l-fatt li skond hu, ma kien hemm xejn hazin u ma kellux x' jahbi mill-Pulizija.

Illi fuq il-mertu tal-vetrina in kwistjoni, l-appellant umilment jisthoq li din il-vetrina kienet fir-residenza ta' ommu, u meta huwa mar jghix mal-mara tieghu fil-fond bl-isem ' Divine Mercy, Triq il-Harifa, Mosta, huwa ha l-affarijiet tieghu, inkluz il-vetrina mertu ta' dan l-umli appell. L-appellant ma' kellux gharfien li huwa ried jinforma l-awtoritajiet kompetenti u li zgur li ma kellux xi hazen jew intenzjoni kriminali li jaghmel xi ksur kontra xi disposizzjoni tal-Ligi. L-appellant huwa ben konsapevoli tal-fatt li l-injornaza tal-Ligi m' hiex skuzanti, izda umilment jissottometti li dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza meta giet sabiex tinfliggi l-piena mposta.

Illi fir-rigward tal-erba' tajriet ibbalzmati zejda li nstabu fil-vetrina in kwistjoni, l-appellant umilment jissottometti li dawn kienu tad-defunt missieru, Joseph Bugeja, u li meta dawn inqabdu, ma' kien hemm ebda obbligu ta' regsitrazzjoni fuqhom. L-appellant izid jghid li meta miet missieru u eventwalment huwa mar jghix flimkien ma' martu, huwa kien ha dawn it-tajr bhala rekordju ta' missieru.

Illi fir-rigward tat-tajr indikati fil-lista, izda li ma nstabux fil-vetrina in kwistjoni, l-appellant umilment jissottmetti li dawn it-tajr huwa kien ramiehom, u li naqas milli jinforma l-awtoritajiet minhabba l-fatt li huwa ma kienx jaf li kellu dan l-obbligu.

Illi sussidjarjament, l-appellant umilment jissottometti li bhalma diga indikat f' dan l-umli appell, kieku kien jaf li kellu xi haga hazina, huwa kellu c-cans kollu sabiex inehhija, izda huwa verament ma hassx li kien qieghed jaghmel xi haga kontra l-Ligi u li verament kien in buona fede. Konsegwentement, umilment isostni li l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza kellha tiehu dan in konsiderazzjoni meta giet sabiex tinfliggi l-piena erogata fil-konfront tieghu, li meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-appellant umilment jissottometti li kienet wahda ezagerata.

Illi l-appellant jaghmel referenza b' mod partikolari ghas-sospensjoni tal-licenzja imposta fuqu, fejn huwa jeccepixxi li l-htija misjuba fil-konfront tieghu m' ghandiex ness dirett mad-delizzju tieghu tal-insib. Huwa ma nstabx qieghed jonsob fi zmien meta l-istagun kien maghluq jew b' xi apparat mhux konformi mal-ligi, meta n-ness huwa wiehed dirett u jiggustifika tali sospensjoni. Konsegwnetment, l-appellant umilment jissottometti li tali sospensjoni ma kelliex tigi inflitta fil-konfront tieghu.

Semghet l-avukati tal-partijiet u dan fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2018 fejn l-avukat difensur iddikjara li in realta kien qed jillimita l-appell tieghu ghal kwistjni tas-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca imposta fuqu permezzz ta' l-ewwel sentenza u dan ghaliex hass li tali sospensjoni kienet kiefra tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Rat illi l-Avukat Generali ma kienx qed jogezzjona li tali sospensjoni tigi imnehhija tenedo kaz l-fatie specie prodotti.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant instab hati ta' diversi akkuzi naxenti mill-Ordinanza dwar il-Harsien ta' l-Ambjent[1] u dan fuq ammissjoni tieghu stess. Illi bhala sentenza l-ewwel Qorti ikkundannatu multa ta' elf euro (€1,000), sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghall-perijodu ta' sentejn oltre l-konfiska tal-esebiti. Illi l-appellant fir-rikors tieghu isostni li l-multa inflitta kienet ecessiva pero' meta giet trattat dan l-appell il-partijiet irrimettew ruhhom biss ghal kwisjtoni tas-sospensjoni u l-appellant talab li din il-materja tigi trattata fis-sentenza tal Qorti.

Illi l-artikolu 27(2) tal AL 79/2006 jitkellem dwar il-piena li ghandha tigi komminata mill-Qorti f'kaz ta' htija skond diversi provedimenti that din l-istess Avviz legali 79/2006 u cioe li apparti l-multa hemm provduta *"Il-Qorti tista'wkoll tordna s-*

[1] Att XX 2001

*sospensjoni tal-liçenza jew permess ghall-perjoduta' mhux inqas minn sena"* Ghalhekk jigi rilevat li l-Qorti 'tista' tordna is-sospensjoniu mhux 'ghandha' tordna is-sospensjoni.

Ghalhekk jirrizulta li l-kwistjonita sospensjoni tal-llienzja tal-kacca mhiex kwistjoni mandatorja izda l-legislatur hass li din il-materja ghandha tithalla f'idejn il-gudikant.

Il-Qorti rat il-provi prodotti u cioe' l-ammissjoni bikrija tal-appellant u dan fl-ewwel opportunita' moghtija lilu. Rat ukoll illi l-multa inflitta m'hix wahda fil-minimu molto piú meta tqis li din inghatat wara li kien hemm ammissjoni registrata fl-atti. Rat ukoll li l-Avukat Generali ma kienx qed jinsisti ghas-sospensjoni tal-licenzja u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti sejra tilqa' l-appell tal-appellant f'dan ir-rigward tat-talba tieghu biex titnehha s-sospensjoni tal-licenzja ghall-kacca.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' htija u fir-rigward tal-multa inflitta qed tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tat-talba tieghu sabiex titnehha is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghall-perijodu ta' sentejn billi tordna li tali sosepensjoni titnehha ghal kollox.

Il-Qorti qed tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn gie ordnat li l-esebiti jigi konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur